# Il-Beatu Dijonisju *tat-Twelid tal-Madonna*

# u

# l-Beatu Redent *tas-Salib*



## Il-Beatu Dijonisju tat-Twelid tal-Madonna

Il-Beatu Dijonisju tat-Twelid tal-Madonna twieled f'Honileur ġo Franza fl-1600 minn Pietru Berthelot u Florida Morin. Fil-magħmudija tawh l-isem ta' missieru u semmewh Pietru. Minn ċkunitu kien tifel bil-għaqal ħafna u jħobb ferm it-tagħlim. Billi kien joqgħod ma' ġenb il-baħar (l-Atlantiku) ħass minn żgħożitu ġibda biex ibaħħar. Irnexxielu li jsib xogħol fuq ix-xwieni u baħħar għal ħafna snin waqt li mar Spanja, l-Ingilterra, l-Amerka u l-Indja. B'danakollu qatt ma ħalla t-tagħlim. B'hekk, għalkemm kien għadu żagħżugħ ta' dsatax-il-sena, ir-Re ta' Franza u tal-Portugall ħatruh bħala bdot ewlieni. Fdaw ukoll f'idejh ix-xogħol biex jagħmel il-mapep tal-kosti li jgħaddi madwarhom.

U qeda dmiru sewwa b'tifħir minn kulħadd. Kiteb ktieb fuq is-sengħa tat-tbaħħir, jismu "Tabulae Maritimae" li l-oriġinal tiegħu jinsab fil-"British Museum". B'dan ix-xogħol kollu, Pietro Berthelot kien jaqdi dmiru lejn Alla b'reqqa kbira.

F'1635, Pietro kien f'Goa li kienet kolonja tal-Portugall fl-Indja. Hemmhekk kien iħobb imur għand Patri Filippu tas-Santissma Trinita', Karmelitan. Kienu jgħaddu s-sigħat jitkellmu fuq il-ħwejjeġ ta' Alla u fuq il-qdusija tar-ruħ. Darba f'dawn it-taħdidiet Patri Filippu beda jħajjar lil Pietro biex iħaddan il-ħajja reliġjuża. Wara li qagħad jaħsibha għal xi żmien u wara li talab bil-qalb 'l Alla biex jagħtih id-dawl meħtieġ, Pietro ħalla kollox wara spallejh u daħal Karmelltan kif kienet irriformathom Santa Tereża ta' Ġesù.

Hemm hu ħa l-isem ta' Dijonisju tat-Twelid tal-Madonna. Mexa 'l quddiem ferm fil-qdusija. Kien igħaddi sigħat twal fit-talb u mhux darba, u tnejn sħabu kienu jarawh imdawwar bid-dawl waqt it-talb tiegħu. Ħsiebu kien li jgħix il-ħajja reliġjuża fil-qofol tagħha u għaldaqstant kien ta' eżempju għal sħabu kollha. Meta ta' 38 sena sar

www.fleurdelysparish.com

saċerdot kien jiswa ta' ġid għal kulħadd, speċjalment għall-Portugiżi li kienu jgħammru f'Goa. Ħaddiema u kbarat kienu jmorru għandu għal kull xorta ta' għajnuna, u Patri Dijonisju kien jilqa' lil kulħadd bis-sabar u l-ħlewwa.

L-ambaxxatur Franġisk de Sonza kien jafda ferm f'Patri Dijonisju. Kien ta' spiss imur għandu u jitgħaxxaq bit-tagħlim tar-ruħ li kien jagħtih. Meta darba Franġisk de Sonza ġie maħtur mill-vii-re Pietro de Silva biex imur bħala ambaxxatur għand is-Sultan Aken tas-Sumatra fl-Indoneżja, dan bilfors ried jieħu miegħu lil Patri Dijonis biex ikun ta' għajnuna spiritwali kemm għalih u kemm għall-qaddejja li kellu jieħu miegħu. Barra minn hekk Patri Dijonisju seta' jkun ta' ħafna għajnuna għall-ambaxxatur billi kien jaf jitkellem bl-ilsien Malis li bih kienu jitkellmu f'dawk l-inħawi. Patri Dijonis, bl-ubbidjenza mis-superjuri laqa' t-talba tal-ambaxxatur u miegħu ħa wkoll lil Fra Redent tas-Salib.

Il-vjaġġ beda tajjeb u wara, xahar waslu f'Sumatra. Meta waslu ħdejn ix xatt raw tgeġwiġija ta' nies, kulħadd igħajjat bil-ferħ u jixħtu l-ward. L-ewwel niżel l-ambaxxatur li ġie milqugħ mill-kap tal-gżira, warajh niżel Patri Dijonis u l-bqija ta' sħabhom li kien hemm magħhom. X'ħin kulħadd kien l-art f'daqqa waħda l-agħjat ta' ferħ spiċċa. In-nies tal-gżira nxteħtu fuq l-ambaxxatur u sħabu u rabtuhom bil-ħbula mas-siġar. Kien tradiment.

B'danakollu l-Beatu Dijonis kien jagħmel il-kuraġġ lil sħabu biex jafdaw f'Alla u ma jaqtgħux qalbhom. Intant ilkoll kemm huma ġarrbu tbatijiet kbar, ġuħ u kull xorta ta' tiġrib. Ta' spiss il-kap kien jiġi u iġiegħel lil niesu biex jittormentaw lil dawn l-imsejkna. Il-hena tiegħu kien li jgħakkes lil Patri Dijonis, jiddieħaq bih u bir-reliġjon tiegħu. Imma l-Beatu kien jieħu kollox bis-sabar. Dijonisju rnexxielu li jreġġa' lura lejn il-fidi lil xi wħud minn sħabu li kienu tbiegħdu minn Alla. Wissa lil kulhadd biex meta jasal il-waqt ikunu lesti li jxerrdu demmhom għal Alla. Huwa ħabbar lil kulħadd li l-jum tal-martirju tagħhom kellu jkun it-28 ta' Novembru, u meta wasal dak il-jum, it-tħabbira ta' Dijonisju twettqet.

Il-kap amar li jġibu quddiemu lil Dijonisju u lil sħabu kollha. wara li għal darb'oħra qagħad jiddieħaq bihom, ikkundanna lil kulħadd għall-mewt. Il-Beatu Dijonis talab li jkun l-aħħar wieħed li jiġi maqtul biex ikun jista' jagħmel il-kuraġġ lill-oħrajn u x-xewqa tiegħu ġiet milqugħa, u wara li ra lil sħabu jtemmu ħajjithom għall-fidi fil-veru Alla, Patri Dijonis niżel għarkubbtejh u offra ruħu hu wkoll lil Alla. Resaq fuqu l-bojja u b'daqqa ta' mannara fetaħlu rasu fi tnejn. Ii-ġisem tiegħu ġie mitluq f'nofs ix-xagħri, imma. bil-lejl kien joħroġ dawl kbir minnu. Meta ra hekk, u-Kap beża' u ordna li dan il-ġisem jiġi mixħut il-baħar marbut ma' mażra.



www.fleurdelysparish.com

**Il-Beatu Redent tas-Salib**

Qabel ma daħal fl-Ordni Karmelitani, il-Beatu Redent kien jismu Tumas Rodriguez de Cuencha. Kien twieled fil-Portugall fl-1598 u malli sar żagħżugħ daħal suldat u mar fl-Indja. Kien raġel ta' dehen u għaqal u laħaq f'pożizzjoni għolja, tant li f'dawlu f'idejh il-ħarsien tal-Belt Meliapar. Qatt ma ried jaf bi żwieġ, u ma kellu l-ebda ħajra għad-duħħan tad-dinja.

Meta kien għadu fl-aqwa tiegħu, ħalla kollox u daħal Fra mal-Karmelitani ta' Santa Tereża. Kien f'ħafna kunventi differenti fejn ta dejjem eżempju tajjeb. Kellu ċerta ħlewwa u tjubija li bihom kien jiġbdek. Għalhekk is-superjuri l-aktar li kienu jafdawlu f'idejh kien id-dmir ta' purtinar u ta' sagristan għax kellu ħabta kbira kif imur ma' kulħadd, iktar u iktar mal-foqra.

Fra Redent kellu qima kbira lejn il-Beatu Dijonisju tat-Twelid tal-Madonna li kien igħix fi żmienu, u dan xejn inqas kien iweġġah lil Fra Redent. Meta l-Beatu Dijonislu ġie msejjah biex imur f'Sumatra l-Indoneżja, ried lil Fra Redent jissieħeb miegħu. Dan laqa' bil-qalb din it-talba. Donnu kien jaf li sejjer għall-martirju. Kif niżlu f'Sumatra, Redent tas-Salib ġie maqbud flimkien ma' sħabu u marbut bil-ħbula. Il-kap tal-gżira taħ f'idejh li jieħu ħsieb l-annimali u jiekol minn dak li jieklu huma.

Fra Redent qatt ma gerger minn xejn, lanqas meta kien imġiegħel jgħaddi ġranet fix-xemx iqatta' l-injam. Dejjem ħa. Kollox bis-sabar. Darba ġie l-kap flimkien ma' sħabu u ġagħalhom iqaxxru l-leħja u xagħar ta' ras u għajnejn Fra Redent. Imbagħad ġiegħel in-nies biex jiżżufjettaw bih u jgħakksuh. Redent waqt li kien jieħu kollox bis-sabar kien ifaħħar 'l Alla fit-tiġrib tiegħu u kien jitlob għal dawk li kienu qegħdin iġagħluh iġarrab tant uġigħ u tbatija.

Fl-aħħar il-kap tal-gżira ħa lil Redent u sħabu ħdejn ll-baħar quddiem ġemgħa kbira. Rabtuh ma' siġra u bdew jitfgħulu vleġeġ bil-velenu sakemm ħareġ demmu kollu u ruħu ttajret lejn Alla fl-1638. Wara mewtu għamel ħafna mirakli li saħansitra ħallew mgħaġġbin lill-istess qattiela tiegħu.

*Il-Papa Ljun XIII għamel Beati lil Dijonisju tat-Twelid tal-Madonna u Redent tas-Salib fl-1900. It-Tifkira tagħhom issir ukoll fl-istess jum fid-29 ta' Novembru, il-jum li fih ħadu l-martirju.Novembru.*